



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 102/20

il-Lussemburgu, 10 ta' Settembru 2020

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-62/19
Star Tazi App SRL vs Unitatea Administrativ Teritorială Municipiul București
prin Primar General et Consiliul General al Municipiului București

Skont l-Avukat Ġenerali Szpunar, servizz li jqiegħed f'kuntatt dirett lill-klijenti u lis-sewwieqa tat-taksis permezz ta' applikazzjoni elettronika, jikkostitwixxi servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni

Dan is-servizz ma għandux ikun ma jkunx marbut b'mod inseparabbli mas-servizz ta' trasport b'taksi b'tali mod li ma jagħmilx parti integrali minnu

S.C. Star Taxi App SRL, kumpannija rregolata mid-dritt Rumien stabbilita f'Bukarest, topera applikazzjoni bl-istess isem għal telefons intelliġenti li ddaħħal f'kuntatt dirett l-utenti ta' servizzi ta' taksi u s-sewwieqa ta' taksi. Din l-applikazzjoni tippermetti li titwettagħ f'fittxija li turi lista ta' sewwieqa ta' taksi disponibbli sabiex iwettqu vjaġġ. Il-klijent imbagħad ikun jista' jagħżel sewwieq partikolari. Din il-kumpannija ma tibgħatx l-ordnijiet lis-sewwieqa tat-taksi u ma tiddeterminax il-prezz tal-vjaġġ, li jitħallas direttament lis-sewwieq mat-tmiem tiegħu. (21, 22)

Fid-19 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill Muniċipali ta' Bukarest adotta d-Deċiżjoni Nru 626/2017, li estendiet il-portata tal-obbligu li tintalab awtorizzazzjoni għall-attività msejħa ta' "dispatching" għall-operaturi ta' applikazzjonijiet tal-informatika bħalma hija Star Taxi App. Minħabba li kisret din il-leġislazzjoni, Star Taxi App kienet is-suġġett ta' multa ta' 4 500 lei Rumeni (RON) (madwar EUR 929). (24)

Peress li qieset li l-attività tagħha tikkostitwixxi servizz tas-soċjetà tal-informatika li għalih japplika l-prinċipju li ma hijiex meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel, previst mid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ¹, Star Taxi App ippreżentat quddiem it-Tribunalul București (il-Qorti tal-Muniċipalità ta' Bukarest, ir-Rumanija) rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni Nru 626/2017. (25, 26)

F'dan il-kuntest, it-Tribunalul Bucuresti jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari jekk servizz li jikkonsisti f'kuntatt dirett, permezz ta' applikazzjoni elettronika, klijenti u sewwieqa tat-taksi jikkostitwixxi "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni". Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel evalwazzjoni tal-validità tad-deċiżjoni Nru 626/2017 fid-dawl ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea ². (27, 32, 54)

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum l-Avukat Ġenerali Maciej Szpunar josserva, b'mod preliminari, li s-servizz propost minn Star Taxi App jikkorrispondi għad-definizzjoni tas-servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku peress li dan is-servizz huwa pprovdut għal remunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi. (33,34, 35-39, 41)

Madankollu, l-Avukat Ġenerali jfakkar li, skont il-ġurisprudenza ³ tal-Qorti tal-Ġustizzja, servizz jista' ma jitqiesx li jaqa' taħt il-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", anki jekk ikollu l-

¹ Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU 2000, L 178, p. 1).

² Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2000/31 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399), Artikoli 9, 10 u 16 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36), kif ukoll l-Artikolu 56 TFUE.

³ Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Asociación Profesional Elite Taxi (C-434/15, punt 35, ara wkoll CP [136/17](#)).

karatteristiċi inklużi fid-definizzjoni. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta l-prestazzjoni mwettqa b'mezzi elettroniċi tkun marbuta b'mod inseparabbli ma' prestazzjoni oħra li tikkostitwixxi l-prestazzjoni prinċipali u li ma titwettaqx b'mezzi elettroniċi, bħalma huwa servizz ta' trasport. Din ir-rabta inseparabbli hija kkaratterizzata, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-fatt li l-fornitur tal-prestazzjoni mwettqa b'mezzi elettroniċi jikkontrolla l-aspetti essenzjali tal-prestazzjoni l-oħra, inkluża l-għażla tal-fornituri ta' din il-prestazzjoni l-oħra. (42,43, 44)

L-Avukat Ġenerali jikkunsidra s-sitwazzjoni tal-App Star Taxi u jinnota li peress li hija ma għandhiex bżonn tirrekluta lis-sewwieqa tat-taksi, hija ma teżerċita kontroll u lanqas influwenza determinanti fuq il-kundizzjonijiet tal-prestazzjoni tas-servizzi ta' trasport mis-sewwieqa tat-taksi. B'mod differenti minn servizzi oħra simili, bħal Uber, is-servizz ipprovdut minn Star Taxi App huwa żieda ma' servizz diġà eżistenti u organizzat ta' trasport b'taksi. Ir-rwol ta' Star Taxi App huwa llimitat għal dak ta' fornitur estern ta' servizz aċċessorju, utli iżda mhux essenzjali għall-effettività tas-servizz prinċipali, li huwa s-servizz ta' trasport. (45-49)

Sussegwentement, l-Avukat Ġenerali jgħaddi sabiex janalizza d-deċiżjoni Nru 626/2017 fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

Id-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jissuġġettaw l-aċċess għall-attività ta' fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-eżerċizzju ta' din l-attività għal skema ta' awtorizzazzjoni minn qabel jew għal kull rekwiżit ieħor b'effett ekwivalenti. Madankollu, l-Avukat Ġenerali jinnota li din il-projbizzjoni ma tapplikax għal reġimi ta' awtorizzazzjoni li ma jimmirawx b'mod speċifiku u esklużiv lejn servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kif inhu l-każ hawnhekk. (59, 61, 62, 66, 67, 73, 103)

Madankollu, din il-konstatazzjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li s-servizzi koperti mill-iskema ta' awtorizzazzjoni eżistenti, li ma humiex ipprovduti b'mezzi elettroniċi, u s-servizzi tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li għalihom ġiet estiża din l-iskema, ikunu effettivament ekwivalenti ekonomikament. (74)

Id-Direttiva 2006/123⁴, tawtorizza, taħt ċerti kundizzjonijiet, lill-Istati Membri jissuġġettaw l-aċċess għal attività ta' servizz għal tali skema. Dawn il-kundizzjonijiet huma s-segwenti: natura mhux diskriminatorja tal-iskema, l-iskema tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u l-assenza ta' miżuri inqas vinkolanti li jippermettu li jintlaħaq l-istess għan. (95) Għaldaqstant, ser tkun il-qorti tar-rinviju li ser ikollha tivverifika jekk jeżistux raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jġġustifikaw l-iskema ta' awtorizzazzjoni tas-servizzi ta' "dispatching" ta' taksis. (97, 103)

Madankollu, l-Avukat Ġenerali jispeċifika li skema ta' awtorizzazzjoni ma tkunx ibbażata fuq kriterji ġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali meta l-ħruġ tal-awtorizzazzjoni jkun suġġett għal rekwiżiti teknoloġikament inadegwati għas-servizz li jkun jixtieq jipprovdni l-applikant. (101, 103)

L-Avukat Ġenerali jikkonkludi, li qabelxejn **jikkostitwixxi servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni servizz li jikkonsisti fit-tqegħid f'kuntatt dirett, permezz ta' applikazzjoni elektronika, klijenti u sewwieqa tat-taksi meta dan is-servizz ma jkunx marbut b'mod inseparabbli mas-servizz ta' trasport b'taksi b'tali mod li ma jagħmilx parti integrali minnu.**

Huwa jikkonkludi li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ma tipprekludix l-applikazzjoni għal fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjoni applikabbli għal fornituri ta' servizzi ekonomikament ekwivalenti li ma jikkostitwixxux servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Fl-aħħar nett, huwa jindika li d-Direttiva 2006/123 tipprekludi l-applikazzjoni ta' tali skema ta' awtorizzazzjoni sakemm ma tkunx konformi mal-kriterji stabbiliti f'dawn l-artikoli, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

⁴ L-Artikoli 9 u 10 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti li l-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, fuq il-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: : Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.